**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 93 – IT-TNEJN, 16 TA' OTTUBRU 2017 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 91**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 90**

2.1 Is-Sinjura Marica Bayliss staqsiet dwar paragrafu 5.4, rigward fondi għall-ħitan tas-sejjieħ. Għandha tiġi sottomessa l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti neċessarji.

2.2 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet dwar paragrafu 5.3, rigward il-mera fi Triq E Cremona. Għandha ssir laqgħa on site.

3 **Approvazzjoni Minuti Numru 92**

3.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Pagamenti Numru 80

4.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Giet diskussa talba biex il-Kunsill jikkolabora mal-Għaqda Madonna ta' Lourdes biex tiġi stabbilta l-festa tal-Irxoxt u ssir stawua għall-okkażjoni. Is-Sinjura Joan Farrugia pproponjet li l-budget għal dan għandu jkun ta' massimu ta' 500 Ewro li hu l-ammont stabbilit mill-Kunsill bħala għajnuna għall-għaqdiet lokali. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li, peress li din hija xi ħaġa ta' darba u mhux rikorrenti, il-budget għal din għandu jkun ta' 1000 Ewro. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 3 favur (Etienne Bonello Du Puis, Marica Bayliss u Dominic Cassar), 1 kontra (Joan Farrugia) u 2 asteszjoni (Mikhail Micallef u Neville Mallia).

5.2 Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-Kappillan għall-kollaborazzjoni dwar xogħlijiet fuq l-istatwa titulari tal-lokal. Kien hemm qbil unanimu li l-budget għal din għandha tkun ta' 1000 Ewro.

## 6 Korrispondenza

6.1 Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-Roots Pet Shop biex tiċċaqlaq un/loading bay għal quddiemu peress il-ħanut li qiegħdha quddiemu bħalissa ser jagħlaq. Kien hemm qbil li din għandha tibqa' fejn hi peress li hija għall-użu tal-ħwienet kollha fiż-żona.

6.2 Kien hemm qbil li għandha tiġi mċaqalqha un/loading bay fi Triq il-Mensija kantuniera ma' Triq Santa Margerita.

6.3 Kien hemm diskussjoni rigward talba għal No Objection minn residenza fi Triq B'Kara kantuniera ma' Triq tas-Sliema biex jixtri soft area li hemm maġenb l-istess residenza. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal din it-talba.

6.4 Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza minn BAG dwar il-bicycle racks li saru. Dawn qed jikkritikaw it-tip ta' racks li twaħħlu. Kien hemm qbil dawn għandhom jibqgħu.

6.5 Kien hemm diskussjoni rigward ir-rapport tal-Perit dwar it-talba biex togħla l-bankina fi Triq iċ-Ċiklamina. Ġie innutat, skont ir-rapport tal-Perit, li dan ser joħloq numru ta' problemi. Kien hemm qbil li din it-talba ma tiġix milqugħa u tintbagħat kopja tar-rapport lil persuna li għamel it-talba.

6.6 Kien hemm talba għal żewġ street advertising fi Triq in-Naxxar u fi Triq Bella Vista. Kien hemm qbil unanimu fuq iż-żewġ talbiet.

6.7 Kien hemm qbil li jinxtraw 300 Ewro kotba għal librerija tal-iskola biex jintużaw mit-tfal tal-iskola ta' San Ġwann

6.8 Kien hemm qbil li jinxtraw ftit shelters għal qtates stray oħra kif ukoll jinxtraw 20 voucher għal neutering ta' stray cats oħra.

6.9 Kien hemm qbil li jieħdu sehem fil-proġett tal-President ta' Malta biex jinġabru tappijiet għall-karità.

## 7 Affarjiet oħra

7.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex issir doggie bin ġdida fi Triq Sant'Andrija, mas-soft area kif ukoll jinbidel is-slieve tad-doggie bin fi Ġnien Karin Grech. Kien hemm qbil. Hu ppropona wkoll li għandu jiċċaqlaq il-bring in site tal-ħwejjeġ li hemm mal-Ġnien GM Camilleri għal post ieħor. Ma kienx hemm sekondant.

7.2 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li l-injections għal kontra l-influwenza ser jingħataw bejn l-24 u s-27 ta' Ottubru. Hi talbet ukoll biex issir il-bankina mill-ġdid fi Triq San Ġużepp. Kien hemm qbil unanimu. Ġie deċiż ukoll biex tintbagħat ittra lir-residenti f'din it-triq biex jekk għandhom tarġa fuq il-bankina għandhom jieħdu l-miżuri biex tiġi rranġata. Għandha ssir site visit mal-Perit tal-Kunsill. Hi tkellmet fuq l-attivitajiet tal-Milied u għandha tidħol f'aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss.

7.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex jinqatgħu xi zkuk li ħerġin għal fuq il-bankina fi Triq il-Fuxa kantuniera ma' Triq Lunzjata. Għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' Misraħ Lewża biex l-iskart joħorġuh fil-ħin tal-ġbir.

Is-Sur Neville Mallia skuża ruħu mil-laqgħa

7.4 Is-Sur Mikhail Micallef fakkar li għad irid issir il-patching fi Triq Salvu Busuttil. Dan ix-xoghol għandu jsir minn TM.

## 8 Għeluq il-Laqgħa

8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 30 ta' Ottubru 2017 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |